MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru 1215/2008

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

Sandro Zammit

Josef Vincenti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 145778M u 298387M rispettivament akkuzati talli fl-1 ta' Dicembru 2008 ghall-habta ta' 16.30hrs, gewwa ix-Xatt, Kalkara:

1. ittantantaw li jisirqu minn gewwa mahzen ghad-dannu ta' Michael Angelo Fenech, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta taghhom, liema reat huwa aggravat, bil-valur li ma jeccedix il €2,329.37 (elfejn tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu);

2. lil Sandro Zammit wahdu nakkuzah ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa arma regolari, u cioe air rifle tal-marka Webley bin-numru tas-serje 864929 minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommorjament mhux opposta;

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistew anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, issibhom hatja.

Fil-konfront tal-imputat Sandro Zammit rat l-Artikolu 42, 261(c), 267, 279 (a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 5, 51 tal-Kap 480 u barra li tikkundannah multa ta' €480 tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Tawtorizza lill-imputat li jhallas il-multa ta'pagamenti ta' € 20 fix-xahar, l-ewwel pagament sal-ahhar ta' Novembru 2014 u pagamenti sussegwenti u interrotti f'kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti bid-dekadenza fin-nuqqas.

Fil-konfront ta' Josef Vincenti rat l-Artikolu 42, 261(c), 267, 279 (a) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal- tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------